FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR NHAR IT-TLIETA 14 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR NEIL HARRISON
SPETTUR NORBERT CIAPPARA
VS
DAVID GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Gatt ta' 23 sena iben Alfred u Rita nee Azzopardi imwieled Mtarfa fis-17 ta' Frar 1977 u joqghod Mayfair Flats, No 3, Pioneer Road Bugibba Id Card No 153677M talli f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Gunju 2000 u fl-ahhar granet qabel dina id-data:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni d-droga eroina, specifikata fl-ewwe lskeda tal-Ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tan-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur

tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruf mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tal-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tal-Regolament

5(1) tal-avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif emmendat, liema droga imstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

e. Talli nhar is-7 ta' Gunju 2000 u fil-jiem ta' wara fir-Rabat (Malta), f'Bugibba u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, xjentement, ta' il-mezz sabiex issir il-harba minn Malta ta' John woods, Anthony Zammit, u Ahmed Ben Hamed Fakri Esawi, persuni akkuzati b'delitt jew arrestati jew ikkundannati ghal delitt, inkella persuni li huma taht mandat ta' arrest ghal delitt, jew li ghamlu delitt ghad li dawn il-persuni jkunu ghadhom mhux ikkundannati, arrestati jew taht arrest.
f. Talli nhar is-7 ta' Gunju 2000 u fil-jiem ta wara, fir-Rabat (Malta), f'Bugibba u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa ghandu lil Ahmed Ben Hamed Fakri Esawi, persuna li kontra taghha hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghal piena ta' prigunerija ghal aktar minn tlet xhur, inkella li l-Pulizija Esekuttiva kienet qed tfittex sabiex tarrestah ghal dak ir-reat, jew li kien harab wara li kien gie arrestat ghal dak ir-reat.
g. Talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-appell tas-17 ta' Gunju 1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikoli elenkti mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil-imputat hati skond l-akkuza u wara rat Reg. 4, Reg 8 GN 292/1939 kif emendat mill-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg 5(1) AL 22 tan-1985 kif emendat, 40A, 120A u Skeda 3 tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha kap 31, Art 16 tal-Att V tan-1985 kif emendat, Art 49, 50, 157, 158 tal-kap 9 u tikkundannah ghal sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv.

Tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs li l-imputat jibqa jsegwi proramm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.